ŻABBAR
Città Hompesch

**Minuti tal-ħames laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's.**

Il-ħames laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar il-Ħamis, 28 ta' Ottubru, 2010. Il-laqgħa bdiet fis-6.20 ta' filgħaxija.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu iċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista, l-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews, is-Sur Luciano Farrugia, is-Sur Joe Agius u s-Sur Mario Bartolo.

Item 2- Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tar-raba' laqgħa ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Luciano Farrugia staqsa jekk il-Kumitat kienx ingħata risposta mid-Dipartiment tal-Artijiet dwar l-art mhux żviluppata li hemm fi Triq l-Għakrux. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv. Is-Sur Farrugia ppropona li terġa tintbgħat ittra lid-Dipartiment tal-Artijiet u kopja ta' din l-ittra tintbgħat lis-Segretarju Parlamentari responsabbli minn dan id-Dipartiment u jintalab ukoll l-intervent tal-Onorevoli Dr Chris Said bil-għan li tingħata risposta. Is-Sur Clews issekonda lis-Sur Farrugia u l-Kumitat qabel unanimament ma' din il-proposta.

Item 4 – Korrispondenza

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri l-ġodda tal-Kumitat Amministrattiv dwar il-korrispondenza li kienet intbgħatet sa issa mill-Kumitat.

Item 5 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Bartolo semma l-ħtieġa li titnaddaf art mitluqa li hemm fi Triq il-Berebies u talab li d-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika jieħu ħsieb li jintefa` velenu tal-ġrieden f'din l-art.

Is-Sinjura Debattista semmiet il-bżonn li jitnaddaf il-ħaxix ħażin li hemm fi Triq l-Għakrux partikularment maġenb il-*Bus Stop* li hemm f'din it-triq.

Is-Sinjura Debattista qalet li wieħed mill-kolletturi tal-i*scammel* qed jonqos milli jieħu kaxxi tal-kartun li jkun hemm fi Triq il-Farfett tal-Fejġel u talbet li tinstab soluzzjoni biex ma jitħalliex skart f'din it-triq.

Is-Sur Farrugia semma l-ħtieġa li jiġi rranġat id-dawl li hemm fil-*playing field* filwaqt li s-Sinjura Debattista semmiet il-bżonn li ssir manutenzjoni tal-istrutturitiġi rranġata l-pożizzjoni taż-żurżieqa li hemm f'dan il-*playing field*.

Is-Sur Agius tkellem dwar l-art mhux żviluppata li hemm wara r-*retaining wall* ta' Triq San Leonardu u qal li f'din l-art qed jintefa` kwantita` ta' materjal u skart li qed iwassal għal ħsara ambjentali.

Is-Sur Clews reġa l-problema ta' ħsejjes kbar riżultat tax-xogħol fuq il-proġett *Smart City Malta* u saħaq li l-Kumitat għandu jagħmel kull pressjoni biex l-awtoritajiet kompetenti jindirizzaw dan l-inkonvenjent.

Is-Sur Farrugia semma l-iżvilupp riċenti li sar fi Triq iż-Żagħrun u qal li jeħtieġ li l-parti tat-triq li ġiet miftuħa tkun irranġata u tkun aċċessibbli.

Dwar il-*playing field* ta' Triq l-Għakrux is-Sur Bartolo semma l-possibilita` li dan jiġi mdawwar bil-ħadid u jibda jingħalaq wara ċertu ħin biex kemm jista' jkun jiġi evitat aktar vandaliżmu.

Is-Sur Agius u s-Sinjura Debattista tkellmu dwar il-*junction* li hemm fi Triq San Leonardu kantuniera ma' Triq il-Marżebb u ssuġerixxu li tiġi rranġata t-*traffic island* li hemm f'nofs il-*junction* ta' dawn it-toroq.

Fl-aħħarnett is-Sur Micallef irrimarka li l-bozza l-ġdida li l-Kumitat kien qabel li titwaħħal fi Triq il-Bumunqar kienet twaħħlet u qed iddawal l-parti tat-triq li qabel kienet tkun mudlama.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.20 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-sitt laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 24 ta' Novembru, 2010.

Maria Elena Debattista
*Chairperson*